**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 283/2004 AF**

**HSBC Home Loans (Malta) Limited già Lohombus Corporation Limited (C-1000) u bil-verbal tat-12 ta' Gunju, 2012, il-Qorti laqghet it-talba biex l-isem tar-rikorrent jaqra HSBC Malta p.l.c.**

**vs**

**Middlesea Insurance p.l.c. bhala rapprezentant lokali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Sun Life Company of Canada, b'digriet tal-24 ta' Awissu, 2004 il-Qorti awtorizzat li ssir korrezzjoni fis-sens illi isem il-konvenut ghandu jaqra International Insurance Management Services Limited (C-23610) bhala rapprezentant lokali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Sun Life of Canada,**

**u b'digriet tas-6 ta' Gunju, 2005, il-Qorti kkonfermat bhala kuraturi deputati lil International Insurance Management Services Limited biex tirrapprezenta lis-socjetà konvenuta estera.**

**B'digriet tat-2 ta' Gunju, 2006 gew kjamati fil-kawza Joanne Bartoli, Peter Marcus Bartoli, Rodrick Bartoli, Gordon Bartoli, Daniela Bartoli u Edward Bartoli**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tas-soċjetà attriċi li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

In forza ta' zewg kuntratti ta' self datati 12 ta' Gunju, 1980 u 16 ta' Gunju, 1983 rispettivament (Dok. A u Dok. B) Lohombus Corporation Limited kienet silfet lil Edward Victor Bartoli is-somma komplessiva ta' sebgha u ghoxrin elf lira (Lm27,000).

Fit-2 ta' Gunju, 1980 Edward Victor Bartoli kien ottjena minghand is-socjetà konvenuta Non-Convertible Term Life Assurance Policy numru 8230076D (Dok. C) ghas-somma ta' disgha u ghoxrin elf lira (Lm29,000) liema polza kienet is-suggett ta' rahan a favur Lohombus Corporation Limited (Dok. D).

In forza ta' zewg skritturi datati 18 ta' Jannar, 1986 u 26 ta' Mejju, 1992 rispettivament (Dok. E u Dok. F), is-socjetà konvenuta ntrabtet li tavza lill-bank attur b'dawk il-poloz ta' assikurazzjoni li fihom l-istess bank attur ikollu interess u li l-*premium* taghhom ma jkunx thallas puntwalment. L-istess assikurazzjoni konvenuta intrabtet li f'tali eventwalità l-poloz jibqghu validi ghal zmien tletin gurnata mill-iskadenza taghhom.

Fis-snin 1991 u 1992 il-*premium* fuq il-polza *de quo* ma thallasx filwaqt li ghall-kumplament il-*premium* thallas dejjem jew minn Bartoli jew mill-bank attur fuq talba appozita tas-socjetà

konvenuta. Fil-fatt jirrizulta illi milli mis-sena 1993 sas-sena 2000 is-socjetà konvenuta kienet tinforma lill-bank attur li l-*premium* fuq il-polza *de quo* ma thallasx u konsegwentement il-bank attur kien ihallas il-*premium* fuq Non-Convertible Term Life Assurance Policy numru 8230076D bis-sahha taz-zewg skritturi fuq imsemmija. Wara l-ahhar avviz tat-2 ta' Frar, 2000 is-socjetà konvenuta naqset li tavza lill-Bank li xi *premium* ma thallasx u ghalhekk kienet kontrattwalment marbuta li ma titterminax il-polza skond iz-zewg skritturi fuq citati.

Fl-14 ta' Jannar, 2002, miet Edward Victor Bartoli (Dok. G).

L-ammont dovut fuq l-ewwel *loan account* li nghata b'kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1980 thallas kollu u fit-tieni *loan account* moghti b'kuntratt tas-16 ta' Gunju, 1983 f'isem id-decujus fadal is-somma bilancjali ta' hdax-il elf, sitt mija u dsatax-il lira maltija u hmistax-il centezmu (Lm11,619.15) in kwantu ghal tmint elef, mija u wiehed u sittin lira maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm8,161.76) bhala sorte, tlett elef, erba' mija u sebgha u hamsin lira maltija u disgha u tletin centezmu (Lm3,457.39) imghaxijiet legali mill-4 ta' April, 1997 sas-26 ta' Frar, 2004 oltre imghaxijiet ulterjuri kif jirrizulta mill-anness prospetti (Dok. H).

Permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar, 2002 (Dok. I) is-socjetà konvenuta informat lill-bank attur illi ma kienitx ser tonora il-polza ta' assikurazzjoni *de quo* peress li kienet qed tikkontendi li tali polza kienet skadiet fis-sena 1991 minhabba nuqqas ta' hlas ta' *premium*.

Una volta s-socjetà konvenuta talbet minghand il-bank attur il-hlas tal-*premium* mis-sena 1993 sakemm gie nieqes fis-sena 2002 u ma avzatiex b'nuqqas ta' pagament ta' *premium* wara dik id-data, liema *premium* gie debitament imhallas mill-istess bank attur, kien hemm vigenti meta gie nieqes Bartoli polza ta' assikurazzjoni valida u vinkolanti jew obbligu kuntrattwali tas-socjetà konvenuta li ma tirrevokax polza unilateralment.

Is-socjetà konvenuta giet interpellata biex teffettwa l-pagament dovut lill-bank attur izda din baqghet inadempjenti.

Ir-raguni ghar-rifjut migjuba ‘il quddiem mis-socjetà konvenuta ma hiex fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi fl-14 ta’ Jannar, 2002, il-Non-Convertible Term Life Assurance Policy numru 8230076D fuq imsemmija kienet ghadha vigenti u vinkolanti.

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-bank attur is-somma ta’ disgha u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000) ai termini tal-Artikolu 1968 (2) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-14 ta’ Jannar, 2002 (data tal-mewt ta’ Edward Bartoli) sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjetà attriċi maħlufa mill-Prokuratur Legali Adrian Borg li kkonferma:

In forza ta’ zewg kuntratti ta’ self datati 12 ta’ Gunju, 1980 u 16 ta’ Gunju, 1983 rispettivament (Dok. A u Dok. B) Lohombus Corporation Limited kienet silfet lil Edward Victor Bartoli is-somma komplessiva ta’ sebgha u ghoxrin elf lira (Lm27,000).

Fit-2 ta’ Gunju, 1980 Edward Victor Bartoli kien ottjena minn ghand is-socjetà konvenuta Non-Convertible Term Life Assurance Policy numru 8230076D (Dok. C) ghas-somma ta’ disgha u ghoxrin elf lira (Lm29,000) liema polza kienet is-suggett ta’ rahan a favur Lohombus Corporation Limited (Dok. D).

In forza ta’ zewg skritturi datati 18 ta’ Jannar, 1986 u 26 ta’ Mejju, 1992, rispettivament (Dok. E u Dok. F), is-socjetà konvenuta intrabtet li tavza lill-bank attur b’dawk il-poloz ta’ assikurazzjoni li fihom l-istess bank attur ikollu interess u li l-*premium* taghhom ma jkunux thallas puntwalment. L-istess assikurazzjoni konvenuta intrabtet li f’tali eventwalità l-poloz jibqghu validi ghal zmien tletin gurnata mill-iskadenza taghhom.

Fis-snin 1991 u 1992 il-*premium* fuq il-polza *de quo* ma thallasx filwaqt li ghall-kumplament il-*premium* thallas dejjem jew minn Bartoli jew mill-bank attur fuq talba appozita tas-socjetà konvenuta. Fil-fatt jirrizulta illi milli mis-sena 1993 sas-sena 2000 is-socjetà konenuta kienet tinforma lill-bank attur li l-*premium* fuq il-polza *de quo* ma thallasx u konsegwentement il-bank attur kien ihallas il-*premium* fuq Non-Convertible Term Life Assurance Policy numru 8230076D bis-sahha taz-zewg skritturi fuq imsemmija. Wara l-ahhar avviz tat-2 ta' Frar, 2000, is-socjetà konvenuta naqset li tavza lill-Bank li xi *premium* ma thallasx u ghalhekk kienet kontrattwalment marbuta li ma titterminax il-polza skond iz-zewg skritturi fuq citati.

Fl-14 ta' Jannar, 2002, miet Edward Victor Bartoli (Dok. G).

L-ammont dovut fuq l-ewwel *loan account* li nghata b'kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1980 thallas kollu u fit-tieni *loan account* moghti b'kuntratt tas-16 ta' Gunju, 1983 f'isem id-decujus fadal is-somma bilancjali ta' hdax-il elf, sitt mija u dsatax-il lira maltija u hmistax-il centezmu (Lm11,619.15) in kwantu ghal tmint elef, mija u wiehed u sittin lira maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm8,161.76) bhala sorte, tlett elef, erba' mija u sebgha u hamsin lira maltija u disgha u tletin centezmu (Lm3,457.39) imghaxijiet legali mill-4 ta' April, 1997 sas-26 ta' Frar, 2004 oltre imghaxijiet ulterjuri kif jirrizulta mill-anness prospetti (Dok. H).

Permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar, 2002 (Dok. I) is-socjetà konvenuta informat lill-bank attur illi ma kienitx ser tonora il-polza ta' assikurazzjoni *de quo* peress li kienet qed tikkontendi li tali polza kienet skadiet fis-sena 1991 minhabba nuqqas ta' hlas ta' *premium*.

Una volta is-socjetà konvenuta talbet minghand il-bank attur il-hlas tal-*premium* mis-sena 1993 sakemm gie nieqes fis-sena 2002 u ma avzatiex b'nuqqas ta' pagament ta' *premium* wara dik id-data, liema *premium* gie debitament imhallas mill-istess bank attur, kien hemm vigenti meta gie nieqes Bartoli polza ta' assikurazzjoni valida u vinkolanti jew obbligu kuntrattwali tas-socjetà konvenuta li ma tirrevokax polza unilateralment.

Is-socjetà konvenuta giet interpellata biex teffettwa l-pagament dovut lill-bank attur izda din baqghet inadempjenti.

Ir-raguni ghar-rifjut migjuba ‘il quddiem mis-socjetà konvenuta ma hiex fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eċċezzjoniiet tas-soċjetà Middle Sea Insurance plc nomine li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, is-socjetà Middle Sea Insurance p.l.c. ma tgawdix ir-rapprezentanza guridika tas-socjetà estera Sun Life Assurance Company of Canada u ghaldaqstant giet imharrka hazin u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 741(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank attur jehtieglu jipprova l-interess guridiku tieghu billi jgib il-prova tal-kreditu u titolu ezekuttiv li jivvanta kontra l-assi ereditarji tad-*decujus* u, fin-nuqqas, is-socjetà konvenuta nomine ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li jippresupponu approprjazzjoni u likwidazzjoni ta’ polza moghtija b’rahan minghajr il-formalitajiet preskritti mill-ligi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-*premiums* li kienu dovuti mill-assikurat ma thallsux skond l-iskeda u modalità mifthiema mal-istess assikurat u ghaldaqstant, a tenur tal-kondizzjonijiet generali tal-polza, il-polza *de quo* giet terminata qabel il-mewt tad-*decujus* u konsegwentement is-socjetà konvenuta nomine mhix obbligata teffetwa hlas taht l-istess polza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim milhuq mas-socjetà attrici m'ghandhomx rabta legali, kemm fit-termini ta' l-istess ftehim u kif ukoll fid-dawl tal-ligi estera li necessarjament tirregolahom.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà konvenuta nomine hija adempjenti mal-ftehim milhuq mas-socjetà attrici u r-responsabbiltà ghat-terminazzjoni tal-polza *de quo* hija unikament imputabbli lill-assikurat u lis-socjetà attrici innifisha.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku kellu remotament jirrizulta li s-socjetà konvenuta nomine naqset f'xi obbligu kontrattat mas-socjetà attrici, tali cirkostanza qatt ma tista' twassal sabiex ikollha success l-azzjoni proposta mis-socjetà attrici a tenur ta' l-Artikolu 1968(2) tal-Kodici Civili.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjetà Middle Sea Insurance plc nomine maħlufa minn Simon Camilleri u Patrick Muscat, li kkonfermaw illi:

Preliminarjament, is-socjetà Middle Sea Insurance plc ma tgawdix ir-rapprezentanza guridika tas-socjetà estera Sun Life Assurance Company of Canada u ghaldaqstant giet imharrka hazin u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti a tenur ta' l-Artikolu 741(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank attur jehtieglu jipprova l-interess guridiku tieghu billi jgib il-prova tal-kreditu u titolu ezekuttiv li jivvanta kontra l-assi ereditarji tad-*decujus* u, fin-nuqqas, is-socjetà konvenuta nomine ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li jippresupponu approprjazzjoni u likwidazzjoni ta' polza moghtija b'rahan minghajr il-formalitajiet preskritti mill-ligi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-*premiums* li kienu dovuti mill-assikurat ma thallsux skond l-iskeda u modalità mifthiema ma' l-istess assikurat u ghaldaqstant, a tenur tal-kondizzjonijiet generali tal-polza, il-polza *de quo* giet terminata qabel il-mewt tad-*decujus* u konsegwentement is-socjetà konvenuta nomine mhix obbligata teffetwa hlas taht l-istess polza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim milhuq mas-socjetà attrici m'ghandhomx rabta legali, kemm fit-termini tal-istess ftehim u kif ukoll fid-dawl tal-ligi estera li necessarjament tirregolahom.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà konvenuta nomine hija adempjenti mal-ftehim milhuq mas-socjetà attrici u r-responsabbiltà ghat-terminazzjoni tal-polza *de quo* hija unikament imputabbli lill-assikurat u lis-socjetà attrici innifisha.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku kellu remotament jirrizulta li s-socjetà konvenuta nomine naqset f'xi obbligu kontrattat mas-socjetà attrici, tali cirkostanza qatt ma tista' twassal sabiex ikollha success l-azzjoni proposta mis-socjetà attrici a tenur ta' l-Artikolu 1968(2) tal-Kodici Civili.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv.

B'referenza ghad-dikjarazzjoni tal-bank attur, is-socjetà eccipjenti tikkontesta tali dikjarazzjoni in kwantu l-fatti jirrizultawlha differenti minn kif esposti mill-bank attur.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fuq talba tas-soċjetà attriċi, fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2006 din il-Qorti diversament presjeduta ordnat illi jissejħu fil-kawża Joanna Bartoli, Peter Marcus Bartoli, Roderick Bartoli, Gordon Bartoli, Daniela Bartoli u Edward Bartoli.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsejħin fil-kawża li permezz tagħha eċċepew illi:

L-aventi kawza tal-esponenti kellu arrangament mal-Bank li dawk il-*premiums* li ma jithallsux minnu kienu jigu onorati u mhallsa mill-Bank attur innifsu peress li l-polza ta' assigurazzjoni numru 8230076D kienet soggetta ghar-rahan favur l-istess Bank attur li kellu kull interess li dawn jithallsu sabiex huwa jithallas id-debitu li kien ghad fadallu jiehu kif fil-fatt l-istess Bank attur ddikjara li kien jaghmel il-hlasijiet huwa stess u ghalhekk l-esponenti ma ghandhomx issa jigu mitluba li jhallsu l-ammont indikat meta dan kien assigurat permezz ta' polza ta' assigurazzjoni indikata mill-istess Bank attur.

Minghajr pregudizzju ghal dak li inghad jekk kien hemm xi nuqqas ta' hlasijiet zgur ma ghandhomx ibatu l-konsegwenzi l-esponenti li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma kif sehhew l-arrangamenti bejn l-aventi kawza u l-partijiet fil-kawza tant li wara l-mewt ta' Edward V. Bartoli kienu gew mgharrfa mill-Bank attur li s-somma bilancjali li kien ghadha debitu favur tieghu kienet ser tigi mhallsa u saldata mill-imsemmija polza ta' assigurazzjoni u l-bilanc kellu jithallas mill-esponenti.

Dejjem minghajr pregudizzju l-esponenti ma ghandhomx issa jigu mitluba jirrispondu ghat-talbiet tal-Bank attur meta l-hlasijiet kienu qeghdin isiru direttament minnu u jekk hemm xi nuqqas dan zgur ma huwiex tort tal-esponenti li kienu kompletament estranji tal-fatti kif sehhew imma l-involviment jew ahjar in-nuqqas huwa unikament bejn il-partijiet fil-kawza jigifieri l-Bank attur u s-Socjetà assiguratrici konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-imsejħin fil-kawża li permezz tagħha kkonfermaw illi:

Id-dikjaranti jafu biss li l-aventi kawza taghhom kellu xi arrangament mal-Bank li dawk il-*premiums* li ma jithallsux minnu kienu jigu onorati u mhallsa mill-Bank attur innifsu peress li l-polza ta' assigurazzjoni numru 8230076D kienet soggetta ghar-rahan favur l-istess Bank attur li kellu kull interess li dawn jithallsu sabiex huwa jithallas id-debitu li kien ghad fadallu jiehu kif fil-fatt l-istess Bank attur ddikjara li kien jaghmel il-hlasijiet huwa stess u ghalhekk l-esponenti ma ghandhomx issa jigu mitluba li jhallsu l-ammont indikat meta dan kien assigurat permezz ta' polza ta' assigurazzjoni indikata mill-istess Bank attur.

Huma jafu li l-hlasijiet ta' dawn il-*premiums* kienu ssiru b'mod regolari mill-Bank attur liema hlasijiet dejjem gew accettati mis-Socjetà assiguratrici konvenuta u jekk kien hemm xi nuqqas ta' hlasijiet zgur ma ghandhomx ibatu l-konsegwenzi l-esponenti li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma kif sehhew l-arrangamenti tal-hlasijiet bejn l-aventi kawza, l-Bank attur u s-Socjetà assiguratrici fil-kawza tant li wara l-mewt ta' Edward V. Bartoli kienu gew mgharrfa mill-Bank attur li s-somma bilancjali li kien ghadha debitu favur tieghu kienet ser tigi mhallsa u saldata mill-imsemmija polza ta' assigurazzjoni u l-bilanc kellu jithallas mill-esponenti.

L-esponenti ma ghandhomx issa jigu mitluba jirrispondu ghat-talbiet tal-Bank attur meta l-hlasijiet kienu qeghdin isiru direttament minnu lis-Socjetà assiguratrici jew rapprezentant taghha f'Malta u jekk hemm xi nuqqas dan zgur ma huwiex tort tal-esponenti li kienu kompletament estranji tal-fatti kif sehhew imma l-involviment jew in-nuqqas huwa unikament bejn il-partijiet fil-kawza jigifieri l-Bank attur u s-Socjetà assiguratrici konvenuta jew ir-rapprezentant legali taghha f'Malta li issa ma tridx tonora dak li ghalih baqghu jithallsu fuq medda ta' snin il-*premiums* dovuti lilha u qieghed issa ssir tentattiv sabiex l-esponenti jigu rinfaccati bi hlasijiet minhabba nuqqas ta' xi wiehed jew taz-zewg partijiet fil-kawza.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2019 ġie ddikjarat illi l-mertu tal-vertanza huwa eżawrit u għaldaqstant, il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi minn eżami tal-fatti kif esposti fil-proċess, jirriżulta li l-mertu ta' din il-kawża kien jirrigwarda polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' Edward Victor Bartoli, mirhuna favur Lohombus Corporation Limited, l-aventi *causa* tal-attriċi. Meta miet Edward Bartoli nhar l-14 ta' Jannar 2002, is-soċjetà Sun Life Company of Canada, rappreżentata f'dawn il-proċeduri mis-soċjetà konvenuta, irrifjutat illi tonora l-imsemmija polza peress li bdiet tinsisti li fil-fatt dik il-polza kienet skadiet fis-sena 1991 peress illi l-*premium* ma kienx tħallas. Il-valur tal-polza kien ta' Lm29,000, illum €67,552.

Din is-sentenza hija limitata għall-kap tal-ispejjeż in kwantu li s-sorte tħallas fil-mori ta' dawn il-proċeduri u għaldaqstant, il-mertu huwa eżawrit. Il-Qorti m'għandhiex allura f'dan l-istadju tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet imma sejra tippronunzja ruħha biss dwar il-kap tal-ispejjeż.

Il-Qorti tagħraf illi l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż hija regolata mill-liġi u ċioè l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> *"(1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez.*
>
> *...*
>
> *(3) Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra."*

B'referenza għal dan l-artikolu, ntqal fis-sentenza fl-ismijiet HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 illi:

*"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);*

*Huwa rikonoxxut però li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenzi Raymond Borg et vs Hal Mann Limited, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003 u Constantino Muscat pro et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ottubru 2004.

Kif sostniet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet Raymond Casolani et vs Francis Carbonaro et, tat-30 ta' Ġunju 2016:

*"Illi huwa minnu li l-gurisprudenza taghna dejjem interpretat l-artikolu 223 tal-Kap 12 b'mod flessibli (ara Costantino Muscat pro et noe et. vs Nazzareno sive Reno Muscat et. -*

*App. Civ. 1 ta' Ottubru 2004, Raymond Borg et vs Hal Mann Ltd. - P.A. (Sede Inf.) 20 ta' Ottubru 2003; u Sandro Vassallo vs Direttur tar-Registru Pubbliku et – Appell Civili 28 ta' Frar 2014).*

*Il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li jbati t-tellief, jew sahansitra tinkombi l-kap tal-ispejjez fuq l-attur fejn kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi jew ghal xi raguni tajba ohra (Art. 223(3) Kap.12)."*

Mill-atti tal-każ jirriżulta li Lohombus Corporation kienet silfet il-flus lil Edward Victor Bartoli li da parti tiegħu kien kiseb polza tal-assigurazzjoni fuq ħajtu mingħand il-konvenuta noe għas-somma ta' Lm29,000. Meta miet Bartoli, fil-bidu tas-sena 2002, il-konvenuta noe ma rieditx tħallas għaliex tgħid li fil-fatt, dik il-polza kienet skadiet fis-sena 1991 għaliex il-*premium* ma kienx tħallas.

Sun Life Company of Canada u Lohombus Corporation kienu ffirmaw ftehim li permezz tiegħu il-kumpannija assiguratriċi ntrabtet li tibgħat l-informazzjoni lill-bank dwar liema mill-poloz mirhuna favur il-bank ma kienux tħallsu sal-*grace period* ta' 31 ġurnata wara l-iskadenza tal-polza. Wara dakinhar, il-bank kellu ċans 30 ġurnata oħra biex, jekk irid, iħallas il-*premium* hu biex il-polza tibqa' in effett.

F'dan il-kaz jirriżulta li Bartoli kemm il-darba ma kienx ħallas il-*premium* dovut fit-2 ta' Ġunju ta' kull sena iżda sas-sena 1991 dejjem ħallas sa mhux aktar tard minn sena mill-iskadenza u allura l-assiguratriċi kienet tippermettilu jerġa jattiva l-polza. Madanakollu, fis-sena 1991 huwa baqa' ma ħallasx u lanqas ma ħallas il-bank attur jew aħjar l-aventi *causa* tiegħu u allura, skont il-konvenuta noe, il-polza skadiet. La Bartoli u lanqas il-bank ma ppruvaw iħallsu l-*premium* għas-sena sussegwenti.

Jidher li bi żball, l-aġent lokali li kellha l-kumpannija assiguratriċi dak iż-żmien, Middle Sea Insurance plc, baqgħet tniżżel il-polza ta' Bartoli mal-lista ta' poloz li l-*premiums* tagħhom ma kienx tħallas għas-snin 1993 sa 1999 u l-bank kull sena ħa ħsieb iħallas il-*premium* hu u jiddebita l-kont ta' Bartoli.

Il-*premium* li suppost kien dovut fis-sena 1999 tħallas mill-bank fil-bidu tas-sena 2000, jiġifieri xhur wara li għalaq il-*grace period* li kellu Bartoli u kif ukoll wara li għaddew it-30 jum addizzjonali li kellu l-bank attur biex, jekk jidhirlu, iħallas il-*premium* hu. Għalkemm l-aġenti lokali tal-assiguratriċi kienu aċċettaw il-pagament tal-*premium*, ftit tal-ġimgħat wara, l-assiguratriċi bagħtet ċekk lil Bartoli b'rifużjoni tal-*premium* li l-bank kien iddebita mill-kont tiegħu bin-notament '*term lapsed*'. Jidher li kien f'dak iż-żmien illi l-bank attur intebaħ illi l-assiguratriċi kienet qed tinsisti li l-polza kienet skadiet lura fis-sena 1991 u l-*premium* li kien bagħat il-bank għas-snin 1993 sa 1998 l-assiguratriċi kienet minflok allokathom għall-*premiums* ta' poloz oħra li Bartoli kellu magħha.

Wara li l-assiguratriċi bagħtet ir-rifużjoni tal-*premium* fis-sena 2000, la Bartoli u lanqas il-bank ma reġa pprova jħallas il-*premium* u l-flus ma ġewx depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti. Bartoli miet sentejn wara imma kien ilu marid b'marda terminali sa minn xi snin qabel u allura meta l-bank sar jaf li l-assigurazzjoni kienet qed tinsisti li l-polza in kwistjoni kienet ilha li skadiet snin, ma kienx f'posizzjoni jinsisti li Bartoli jikseb polza oħra.

L-argument tal-bank attur kien illi l-polza kienet baqgħet *in vigore*. Il-konvenuta noe insistiet li l-polza filfatt skadiet fis-sena 1991, b'dan illi tikkonċedi li kien hemm żball amministrattiv u minħabba f'hekk il-polza ta' Bartoli baqgħet tidher fil-listi tal-poloz li l-aġenti tagħha kienu jibgħatu lill-bank. Finalment, it-teżi tal-imsejħa fil-kawża kienet li huwa l-bank attur li għandu t-tort f'dan kollu għaliex kien hu li ma kienx ħa ħsieb iħallas il-*premium* fis-sena 1991 billi jiddebita l-kont ta' Bartoli.

Fil-fehma tal-Qorti, ġie muri li t-tlett partijiet fil-kawża naqsu l-parti taghhom u għandhom iġorru mir-responsabbiltà għal dak li ġara. Konsegwentement, b'applikazzjoni tal-artikolu 223(3) tal-Kap. 12, kull parti fil-kawża għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Dwar ir-responsabbiltà tal-bank attur, il-Qorti ssib illi:

i. Il-bank attur kien jaf jew kien imissu kien jaf illi l-polza kienet skadiet fis-sena 1991 meta l-*premium* ma tħallasx la għal dik is-sena u lanqas għas-sena ta' wara. Fuq ammissjoni tar-rappreżentant tal-bank Nazzarena Bartolo stess, il-bank kien jaf illi Bartoli ma kienx ħallas il-*premium* dawk is-sentejn imma xorta waħda ma ħax ħsieb iħallas u wara jiddebita l-kont ta' Bartoli kif filfatt għamel għas-snin sussegwenti;

ii. Bartoli kemm il-darba ma kienx iħallas il-*premium* u dan il-bank kien jafu u allura kien imissu qagħad aktar attent;

iii. Anke li kieku għall-grazzja tal-argument il-polza ma kienitx skadiet fis-sena 1991 kif qiegħda tgħid il-konvenuta noe, il-bank naqas milli jħallas il-*premium* għas-sena 1999 fi żmien 30 jum minn meta spiċċa l-*grace period* li l-assiguratriċi kienet tikkonċedi lill-assigurati tagħha u naqas ukoll milli jħallas jew jara li Bartoli jħallas il-*premiums* għas-snin sussegwenti jew jiddepożitahom taħt l-awtorità tal-Qorti jekk il-konvenuta noe ma rieditx taċċettahom;

iv. Finalment, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi minkejja li t-talba tal-bank attur hija għall-kundanna għall-ħlas tas-somma ta' Lm29,000, mill-provi rriżulta li l-bilanċ pendenti fuq il-kontijiet ta' Bartoli kien inqas fil-mument li ġiet intavolata l-kawża għaliex parti minnu tħallas mis-somma li rċieva l-bank attur minn *life policy* oħra li kellu Bartoli.

Dwar ir-responsabbiltà tal-konvenuta noe, il-Qorti ssib li:

i. Din naqset fil-konfront tal-bank attur meta tterminat il-polza u mhux talli ma bagħtitx tinforma lil bank, nonostante li kienet taf li l-polza kienet mirhuna favur l-istess bank, talli baqgħet tinkludi l-polza in kwistjoni fil-listi tal-poloz mhux imħallsa għas-snin sussegwenti;

ii. Mingħajr ma qatt infurmat lill-bank jew lil Bartoli, kienet qiegħda talloka l-*premiums* li kien qiegħed iħallas il-bank fuq poloz oħra li kellu Bartoli.

Dwar ir-responsabbiltà tal-imsejħin fil-kawża fil-kapaċità tagħhom bħala l-eredi ta' Edward Victor Bartoli, il-Qorti ssib illi:

i. Kien primarjament l-obbligu ta' Edward Bartoli li jħallas il-*premium* tal-polza in kwistjoni u mhux jistenna lill-bank jiddebitalu l-kont kull sena kif donnhom qed jippretendu l-imsejħin fil-kawża;

ii. Jirriżulta mill-atti li Bartoli kien *managing director* ta' kumpannija tal-assigurazzjoni u allura żgur illi kien jifhem perfettament il-konsegwenza tal-fatt illi ma kienx jieħu ħsieb, sena wara sena, li jħallas il-*premium* fuq il-polza tal-assigurazzjoni mertu ta' din il-kawża.

Għalhekk, il-Qorti, wara li eżaminat il-mertu sabiex tara u tistabbilixxi fil-każ tal-lum min mill-partijiet għandu jbati l-ispejjeż ta' din l-azzjoni, issib li hemm raġunijiet tajba biżżejjed sabiex a tenur tal-artikolu 223(3) tal-Kap. 12, tordna lil kull parti fil-kawża tbati l-ispejjeż tagħha.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiddikjara l-mertu eżawrit, tikkundanna lil kull parti fil-kawża tħallas l-ispejjeż tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG